Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 33
## It-Tlieta 14 ta'Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:55 pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jean Claude Borg : Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

33.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Jean Claude Borg , li talab li jkun skużat.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

33.2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf u spjega lill kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet diversi ta'xogħol il- minuti ta'Seduti L8-32 ma'setgħux jkunu lesti. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dawn jiġu mgħoddija fis-seduta li jmiss.

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir: AKL 2021/128 dwar id-draft tad-dokument fuq il-parkeġġ mniedi mill-AKL u talbet lill kunsilliera preżenti biex jekk jaraw id-dokument u dawk li jixtiequ jgħaddu il-kummenti tagħhom biex jiġu diskussi u evalwati qabel il-pubblikazzjoni emendata jistgħu jagħmlu dan sal-31 ta'Diċembru 2021.

33.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar il-progress fix-xogħol tal-funtana go Rue D'Argen u spjegat x'fadal ssir forsi sal-aħħar tas-sena tkun lesta.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

33.4.01 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar id-dawl go Misraħ San Guzepp u St Joseph drive fejn llmenta li dan ilu bosta ġimghat mitfi u ħadd mill-entitajiet mhu qed jagħmel xejn.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li hemm bżonn nerġgħu nkellmu lill Enemalta ħalli il-kunsill jara x'jista' ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta verifika mal-pjanta tal-Enemalta dan id-dawl huwa mmarkat bħala third party li tfisser li dan mhux għand il-kunsill u lanqas l-istess Enemalta għalhekk qed ssib problema biex xi ħadd jagħti ħjiel ta' min huwa. Hawn kompla jispjega li meta kien qed jiddiskuti dan mas-Sur Maurice Agius dan għarrfu li dan id-dawl sar mill-Martime Authority u kien hemm anke xi problemi fil-passat. Barra minn dan jidher ukoll li kien hemm ħsara fis-sistema ta'dawl li kien hemm qabel u kien sar arranġament li suppost kien temporanju u dam hemm għal bosta snin. Għalhekk sakemm tinstab soluzzjoni permanenti għal din il-problema se jipprova jara mal-kuntrattur x'jista' ssir biex jew issiru flood lights li jieħdu is-servizz mill-kamra tal-Ġostra jew jekk huwa possibbli din il-fergħa tingħata il-kurrent mill-main tal-kamra li huwa street lighting ukoll.

33.4.02 Is-sur Maurice Agius tkellem dwar il-ġbir tal-iskart fejn llmenta li dawn għadhom qed jiġbru munzelli tal-boroz bl-iskart minn ħafna qabel fil-kantunieri meta mhux suppost jew anke it-trakk jibda qabel it-tmienja fejn ġieli ma' jiġbru xejn minn dak li jinħareġ quddiem il-bieb wara li jintefa ġol kantuniera. Dan barra li qed jostakolaw il-bankina bil-boroż li bihom ħadd ma' jkun jista' jgħaddi.

Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar abbużi ta' skart fil-biċċa magħluqa ta' Triq Achille Ferris.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar abbużi oħra ta'skart go Triq il-Hriereb

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota tal-abbużi msemmija u wieġeb li ġa bagħat kemm il-darba lill ħaddiema jiżbarazzaw bosta postijiet inkluż dawk imsemmija. Hawn spjega li qed jkun hemm bosta rapporti li l-kunsill qed iwassal lill awtoritajiet għal infurzar iżda se jerġa jkellem lill kuntrattur bħal kull meta jkun infurmat li l-kollezzjoni bdiet qabel jew l-skart li ma'nġabarx fejn dejjem insista li dan għandu jerġa jmur iddur ir-rotta biex jinġabar kollox.

33.4.03 B'referenza għall-minuti 29.4.10, is-sur Maurice Agius staqsa jekk l-avukat lestiex l-emendi għal Bye Law tal-Iskall.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm bżonn ikun ċar kemm se jkun hemm spazju. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-kumitat tad-dgħajjes qed jitlob laqgħa għax ma jridux li jonqos il-qies iżda jekk l-iskall se jkun iżgħar dan mhux ċar jekk jistax jieħu ċertu daqs ta' dgħajjes.

Is-segretarju Eżekuttiv fakkar li bosta mill-emendi diskussi huma lesti iżda għad hemm li tkun ċara id-definizzjoni ta' tip ta'dgħajjes li jista' jkun hemm permess li jitilgħu. Hawn spjega li meta riċenti tkellem mal- avukat dwar il-progress kien infurmat li l-uffiċjal li kienet se tikkonsulta miegħu ma'għadux mat-taqsima marittima ta' TM u trid tara min se jkun qed jieħu ħsieb floku. Dwar il-pjanti il-Perit tal-proġett tal-promenade ġa għaddiet il-kopja lill kunsill.

33.4.04 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-siġar fil-parti li hemm bejn Triq Achille Ferris u Triq Mikiel Anton Vassalli fejn wara li ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttivi saret verifika mal-kuntrattur preċedenti tal-kunsill li kien jieħu ħsieb ukoll din il-biċċa. Jidher li dan il-kuntrattur kellu wkoll kuntratti ma'entitajiet oħra fiz-zona fejn għalhekk kien jagħmel kollox f'daqqa. Iżda fil-preżent ma' kien hemm ħadd li qed jieħu ħsieb u għalhekk talab lill ġardinar biex jara x'hemm bżonn ssir fejn dan ħa ħsieb jizzbor u jnaddaf is-sit minn ħaxix ħażin u affarijiet oħra mormija hemm. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li l-ġardinar ħa ħsieb ukoll iħawwel bosta ponsjetti mal-Imsida mingħajr obbligu ta' ħlas.

33.4.05 B'referenza għall-minuti 32.3.02 dwar konsultazzjoni fuq installazzjoni ta'charging pillars, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li attenda għal-laqgħa li saret u ta'dettalji li jinstabu wkoll fuq links mgħoddija permezz ta'ċirkulari AKL 2021/129 "Charging Pillars Infographics for LCs".

**33.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

33.5.01 B'referenza għal minuti 29.5.02 dwar skema għal fondi SPI / 3 /2020 dwar proġett kapitali relatat mal-kunċett ta'Slow Streets u l- aċċess pubbliku , is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li wara konsultazzjoni mal-Perit qed ikunu proposti tlett pjanti għal Triq Guzeppi Calleja is- Swatar li poġġiet fuq il-mejda biex ikunu kunsidrati.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament ma'proposta numru tlieta li ġiet approvata.

33.5.02 B'referenza għal-minuti 30.5.01, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li wara li saret l-ewwel sejħa biex timtela pożizzjoni vakanti għal skala 13, ma kienx hemm l-ebda applikazzjoni minn impjegati li jaħdmu fil-kunsill lokali għalhekk wara bosta ġimghat ta'stennija saret it-tieni sejħa kif jitlob ir-regolament li għaliha applikaw tlett persuni eliġibbli mil-lista tal-Jobs plus. Hawn spjegat li wara li dawn ġew konfermati li jissodisfaw il-kriterji mitluba ġew ukoll mitluba biex jattendu għal intervista fejn waħda minn dawn ma' kkonfermatx u lanqas m'attendietx, filwaqt li wieħed mit-tnejn interressati kien l-aktar preparat u jipprometti għax-xogħol relatat. Għalhekk unanimament ġie magħżul għar-rakkomandazzjoni biex jingħata din il-pożizzjoni.

Il-kunsilliera preżenti approvaw ir-rakkomandazzjoni.

33.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar Cir: AKL 2021/130 biex tkun mġedda il-polza tal-Assigurazzjoni tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali għass-sena 2022.Din tinkludi ukoll li ħaddiema li qegħdin fuq l-iskemi tal-Community Workers Scheme, RSSL u CIES li huma wkoll eliġibbli li jidħlu f'din il-polza tal-assigurazzjoni, b'approvazzjoni tal-Kunsill Lokali

Il-kunsilliera preżenti approvaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din tista' tinkludi ukoll bi ħlas personali polza għal xi familjari jew dipendenti għalhekk dawk il-kunsilliera interressati jagħmlu dan għandhom jinfurmaw l-amministrazzjoni biex japplikaw.

**33.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

33.6.01 Ma'kienx hemm rapporti

**33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

33.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-33 ta' ħlasijiet bejn 17 ta'Novembru 2021 sa 14 ta'Diċembru 2022 fejn ittieħdet wkoll kunsiderazzjoni għal ħlas tas-salarju bażiku tal-Impjegati għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Nicholas J Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda.

**33.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:00 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 18 ta'Jannar 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 18 ta'Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |